**57. Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, l-Onor. Ian Borg, jipproponi:**

Billi fit-3 ta' Ottubru 2023 il-Parlament ta' Malta, b'mod unanimu, irrisolva illi l-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati, Parlament ta' Malta, jiġi inkarigat sabiex iwassal l-interess tal-Parlament Malti li jissieħeb fl-Assemblea Parlamentari tan-NATO (NATO PA) bhala Associate Delegation;

Billi, skont is-subparagrafu 4 tal-Artiklu 4 tar-Regoli ta' Proċedura li jirregolaw il-proċeduri tal-Assemblea Parlamentari, in-numru ta' membri nominati fid-delegazzjoni Maltija għall-Assemblea għandu jkun determinat mill-Kumitat Permanenti (Standing Committee) tal-istess Assemblea;

Billi, skont is-subparagrafu 5 tal-Artiklu 3 tal-istess Regoli ta' Proċedura l-membri hekk nominati għandhom ikunu maħtura minn fost il-Membri ta' dan l-istess Parlament;

Billi l-Kumitat Permanenti ta' din l-Assemblea qabel b'mod unanimu mas-sħubija tal-Parlament ta' Malta;

Billi l-Assemblea formalment approvat is-sħubija ta' Malta bħala Associate Delegation fil-laqgħa tagħha tas-27 ta' Mejju 2024;

Hu għalhekk riżolut li l-Kamra taħtar dawn il-Membri bħala r-rappreżentanti tagħha għad-delegazzjoni tal-Parlament Malti għan-NATO PA:

l-Onor. Ramona Attard - Kap tad-Delegazzjoni; u
l-Onor. Rebekah Borg; u

Illi skont is-sub-paragrafu 5 tal-Artiklu 4 tal-istess Regoli ta' Proċedura l-Kamra taħtar ukoll lil dawn is-sostituti tagħhom:

l-Onor. Fleur Abela; u
l-Onor. Ian Vassallo.

Huwa wkoll riżolut illi din in-nomina ta' kull rappreżentant u ta' kull sostitut rispettiv tibqa' fis-seħħ sakemm dawn ir-rappreżentanti u sostituti jibqgħu Membri ta' dan il-Parlament, jew sakemm din il-Kamra ma tiddeċidix xort'oħra.

**27.07.2026**